SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

19 ta' April 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Direttiva 2000/78/KE — Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-età — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tmur kontra direttiva — Possibbiltà għal individwu li jikkontesta r-responsabbiltà tal-Istat għal ksur tad-dritt tal-Unjoni — Kawża bejn individwi — Bilanċ ta' diversi drittijiet u prinċipji — Prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi — Rwol tal-qorti nazzjonali"

Fil-Kawża C-441/14,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Højesteret (qorti suprema, id-Danimarka), permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Settembru 2014, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Settembru 2014, fil-proċedura

Dansk Industri (DI), li taġixxi għal Ajos A/S,

vs

Eredi ta' Karsten Eigil Rasmussen

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, A. Tizzano, Viċi President, R. Silva de Lapuerta, T. von Danwitz, J. L. da Cruz Vilaça, A. Arabadjiev u F. Biltgen (Relatur), Presidenti tal-Awla, J. Malenovský, E. Levits, J.-C. Bonichot, M. Berger, E. Jarašiūnas u C. Vajda, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. BOT

Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-7 ta' Lulju 2015,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Dansk Industri (DI), li qed taġixxi għal Ajos A/S, minn M. Eisensee, avukat,

— għall-eredi ta' Karsten Eigil Rasmussen, minn A. Andersen, avukat,

— għall-Gvern Daniż, minn J. Bering Liisberg u M. Wolff, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn B. Beutler, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: id-Daniż.

— għall-Gvern Olandiż, minn M. Bulterman u M. Gijzen, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Clausen u D. Martin, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2015,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni, minn naħa, tal-Artikolu 2(1) u (2) (a) u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79) u, min-naħa l-oħra, tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-età kif ukoll tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Dansk Industri (DI), li taġixxi għal Ajos A/S (iktar 'il quddiem "Ajos"), u l-aventi kawża ta' K. Rasmussen, dwar ir-rifjut minn Ajos li tagħti kumpens ta' tkeċċija lil K. Rasmussen.

Il-kuntest ġuridiku

Id-Direttiva 2000/78

3 Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/78, "[l]-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tniżżel parametru ġenerali biex tikkumbatti diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-impjieg u x-xogħol, bi skop li timplimenta fl-Istati Membri il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament".

4 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"1. Għall-iskop ta' din id-Direttiva, 'il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament' għandu jfisser li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta għall-ebda raġuni msemmija fl-Artikolu 1.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1:

(a) għandu jitqies li jkun hemm diskriminazzjoni diretta meta persuna tiġi trattata b'mod inqas favorevoli milli kienet tiġi trattata oħra f'sitwazzjoni simili, għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1;

[...]"

5 L-Artikolu 6 tal-imsemmija direttiva huwa fformulat kif ġej:

"1. Minkejja l-Artikolu 2(2), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li trattament differenti fuq bażi ta' età m'għandux jikkostitwixxi diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest tal-liġi nazzjonali, hu objettivament u raġonevolment iġġustifikat b'għan leġittimu, inkluża politika leġittima ta' l-impjieg, tas-suq tax-xogħol u ta' objettivi ta' taħriġ professjonali, u jekk il-mezzi biex jintlaħqu dawk l-għanjiet ikunu approprjati u neċessarji.

Dan it-trattament differenti jista' b'mod partikolari jinkludi:

(a) l-istabbiliment ta' kondizzjonijiet speċjali għall-aċċess għall-impjieg u t-taħriġ professjonali, l-impjieg u x-xogħol, inkluzi l-kundizzjonijiet ta' sensji u pagi, għaż-żgħażagħ, ħaddiema ta' età, u persuni li jkollhom responsabbilitajiet li jieħdu ħsieb persuni oħra sabiex jippromwovu l-integrazzjoni professjonali tagħhom jew jiżguraw il-protezzjoni tagħhom;

(b) L-iffissar ta' kondizzjonijiet minimi ta' età, esperjenza professjonali jew anzjanità f'servizz għall-aċċess ta' mpjieg jew għal ċerti vantaġġi marbuta ma' l-impjieg;

[...]

2. Minkejja l-Artikolu 2(2) l-Istati Membri jistgħu jipprovdu illi l-iffissar fir-rigward ta' skemi ta' sigurtà soċjali professjonali, ta' età għall-parteċipazzjoni jew intitolament għall-benefiċċji ta' l-irtirar jew ta' l-invalidità, inkluża wkoll l-iffissar għal dawn l-iskemi ta' etajiet differenti għal ħaddiema jew għal gruppi jew kategoriji differenti ta' ħaddiema jew ta' kriterji ta' età fil-kalkoli ta' l-attwarji fil-qafas ta' dawn l-iskemi ma jikkostitwix diskriminazzjoni minħabba l-età, sakemm dan ma jirriżultax f'diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess."

Id-dritt Daniż

6 Il-Liġi dwar ir-relazzjonijiet legali bejn il-persuna li timpjega u l-impjegati [lov om retsforholdet mellem arbejdsgivere og funktionærer (funktionærloven)], fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar l-Impjegati"), tinkludi fl-Artikolu 2a tagħha, id-dispożizzjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-kumpens speċjali għal tkeċċija:

"1. Fil-każ ta' tkeċċija ta' impjegat, li jkun ilu fl-impjieg mal-istess impriża b'mod kontinwu għal 12, 15 jew 18-il sena, il-persuna li timpjega għandha tħallsu somma, fil-mument tat-tmiem tal-impjieg, li tkun ekwivalenti għal paga ta' xahar, xahrejn, jew tliet xhur rispettivament.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma japplikawx jekk, fil-mument tat-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' impjieg, l-impjegat jirċievi xi benefiċċju soċjali.

3. L-allowance ta' tkeċċija ma titħallasx jekk, fil-mument tat-terminazzjoni tar-relazzjoni tal-impjieg, l-impjegat jirċievi mingħand il-persuna li timpjegah pensjoni tax-xjuħija u jekk l-impjegat ikun issieħeb fis-sistema tal-pensjoni inkwistjoni qabel ma jagħlaq ħamsin sena.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 ma japplikawx jekk ikun hemm ftehim kollettiv li, fl-1 ta' Lulju 1996, jirregola l-kwistjoni tat-tnaqqis jew it-tneħħija tal-kumpens għal tkeċċija minħabba l-pensjoni tax-xjuħija.

5. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 japplikaw *mutatis mutandis* f'każ ta' tkeċċija inġusta."

7 Il-qorti tar-rinviju tispjega li r-Renju tad-Danimarka ttraspona d-Direttiva 2000/78 permezz tal-Liġi Nru 253, li temenda l-liġi dwar il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol (lov nr. 253 om aendring af lov om forbud mod forskelsbehandling på arbejdsmarkedet m.v.) tas-7 ta' April 2004 u l-Liġi Nru 1417 li temenda l-liġi dwar il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol (lov nr. 1417 om aendring af lov om forbud mod forskelsdehandling på arbejdsmarkedet m.v.), tat-22 ta' Diċembru 2004.

8 L-Artikolu 1 tal-imsemmija Liġi Nru 253 tas-7 ta' April 2004, kif emendata (iktar 'il quddiem il-"Liġi kontra d-diskriminazzjoni"), jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Diskriminazzjoni fis-sens ta' din il-liġi tfisser kull att ta' diskriminazzjoni diretta jew indiretta bbażata fuq ir-razza, fuq il-kulur, fuq ir-reliġjon jew il-konvinzjonijiet, fuq l-opinjonijiet politiċi, fuq l-orjentament sesswali, fuq l-età, fuq id-diżabbiltà, fuq in-nazzjonalità, jew fuq l-appartenenza lil grupp soċjali jew etniku partikolari."

9 L-Artikolu 2(1) tal-Liġi kontra d-diskriminazzjoni jiddisponi:

"Hija pprojbita kull diskriminazzjoni minn persuna li timpjega fir-rigward tar-reklutaġġ, tat-tkeċċija, tat-trasferiment jew tal-promozzjoni ta' impjegati jew ta' kandidati għal impjieg, jew fir-rigward tal-iffissar tal-kundizzjonijiet tas-salarju jew tax-xogħol tagħhom."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

10 K. Rasmussen tkeċċa fil-25 ta' Mejju 2009 minn Ajos, il-persuna li timpjegah, fl-età ta' 60 sena. Ftit ġranet wara, huwa rriżenja minn magħha u ftiehem magħha li jitlaq mix-xogħol tiegħu fl-aħħar tax-xahar ta' Ġunju 2009. Huwa ġie rreklutat sussegwentement minn impriża oħra.

11 Il-qorti tar-rinviju tindika li K. Rasmussen, li kien ilu fis-servizz ta' Ajos mill-1 ta' Ġunju 1984, kellu, fil-prinċipju, dritt għal kumpens ta' tkeċċija ugwali għal tliet xhur ta' salarju skont l-Artikolu 2a(1) tal-Liġi dwar l-impjegati. Madankollu, peress li meta telaq kien laħaq l-età ta' 60 sena u kellu dritt għal pensjoni tax-xjuħija dovuta mill-persuna li timpjegah skont skema li kien issieħeb fiha qabel l-età ta' 50 sena, id-dispożizzjoni tal-Artikolu 2a(3) tal-imsemmija liġi, kif interpretata mill-ġurisprudenza nazzjonali stabbilita, ma kinitx tippermettilu jippretendi tali kumpens, anki jekk huwa kien baqa' fis-suq tax-xogħol wara t-tluq tiegħu minn Ajos.

12 Fix-xahar ta' Marzu 2012, is-sindakat Dansk Formands Forening, f'isem K. Rasmussen, fetaħ kawża kontra Ajos bil-għan li jikseb il-ħlas tal-kumpens ta' tkeċċija ugwali għal tliet xhur ta' salarju previst fl-Artikolu 2a tal-Liġi dwar l-impjegati. F'dan ir-rigward, l-imsemmi sindakat ibbaża ruħu fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-12 ta' Ottubru 2010, Ingeniørforeningen i Danmark (C-499/08, EU:C:2010:600).

13 Fl-14 ta' Jannar 2014, is-Sø- og Handelsretten (tribunal tal-affarijiet marittimi u kummerċjali) laqa' t-talba mressqa f'isem K. Rasmussen, issa rrappreżentat mill-aventi kawża eredi tiegħu, u intiża sabiex jinkiseb il-ħlas tal-kumpens ta' tkeċċija inkwistjoni. Dan it-tribunal iddeċieda li mis-sentenza Ingeniørforeningen i Danmark (C-499/08, EU:C:2010:600) kien jirriżulta li l-Artikolu 2a(3) tal-Liġi dwar l-impjegati kien kuntrarju għad-Direttiva 2000/78 u kkonstata li l-interpretazzjoni nazzjonali preċedenti tal-imsemmija Artikolu 2a kienet tmur kontra l-prinċipju ġenerali, stabbilit mid-dritt tal-Unjoni, ta' projbizzjoni ta' diskriminazzjonijiet ibbażati fuq l-età.

14 Ajos appellat minn din id-deċiżjoni quddiem il-Højesteret (qorti suprema) billi sostniet li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2a(3) tal-Liġi dwar l-impjegati li hija konformi mad-dispożizzjonijiet interpretati fis-sentenza Ingeniørforeningen i Danmark (C-499/08, EU:C:2010:600) hija madankollu *contra legem*. Hija ssostni wkoll li l-applikazzjoni ta' regola daqstant ċara u mingħajr ambigwità bħal dik prevista fl-Artikolu 2a(3) tal-imsemmija liġi ma tistax tiġi skartata fuq il-bażi tal-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ta' projbizzjoni ta' diskriminazzjonijiet ibbażati fuq l-età, taħt piena ta' ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

15 Meta wieħed jiftakar li dan il-każ jirrigwarda tilwima bejn individwi, li fil-kuntest tagħha ma huwiex possibbli li jiġi rrikonoxxut effett dirett tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/78, u li interpretazzjoni tal-Artikolu 2a(3) tal-Liġi dwar l-impjegati li huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni jkun f'kunflitt

mal-ġurisprudenza nazzjonali, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ta' projbizzjoni ta' diskriminazzjonijiet ibbażati fuq l-età jistax jiġi invokat minn impjegat kontra l-persuna privata li timpjegah, sabiex iġiegħel lil din tal-aħħar tħallas allowance ta' tkeċċija previst mid-dritt Daniż, minkejja li l-imsemmija persuna li timpjega, konformement mad-dritt nazzjonali, tkun eżenti minn dan il-pagament. B'dan il-mod, il-każ inkwistjoni jqajjem ukoll il-kwistjoni dwar sa fejn prinċipju mhux miktub tad-dritt tal-Unjoni jista' jipprekludi persuna privata li timpjega milli tinvoka dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali li tmur kontra l-imsemmi prinċipju.

16 Il-qorti tar-rinviju tqis li huwa neċessarju li, sabiex isir dan l-eżami, għandu jkun magħruf jekk il-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-età għandux l-istess kontenut u l-istess portata bħad-Direttiva 2000/78 jew jekk din tipprevedix, f'dan ir-rigward, protezzjoni kontra d-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq l-età li hija iktar wiesgħa.

17 Jekk stess id-direttiva ma kellhiex tagħti protezzjoni iktar wiesgħa mill-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-età, xorta hemm il-kwistjoni ta' jekk dan il-prinċipju jistax, kif jirriżulta mis-sentenzi Mangold (C-144/04, EU:C:2005:709) u Kücükdeveci (C-555/07, EU:C:2010:21), ikun direttament applikat fir-relazzjonijiet bejn individwi u b'liema mod l-applikazzjoni diretta tal-imsemmi prinċipju għandha tkun ibbilanċjata mal-prinċipju ta' ċertezza legali u mal-korollarju tiegħu, il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

18 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, barra minn hekk, jekk, f'sitwazzjoni tali bħal dik fil-kawża pendenti quddiemha, id-dritt tal-Unjoni jippermettix lil qorti nazzjonali tipproċedi b'ibbilanċjar bejn il-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-età, minn naħa waħda, u l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, min-naħa l-oħra, u tikkonkludi li l-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-età għandu jkun subordinat għal dak ta' ċertezza legali, b'tali mod li l-persuna li timpjega tkun, skont id-dritt nazzjonali, meħlusa mill-obbligu li tħallas il-kumpens ta' tkeċċija.

19 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll dwar il-kwistjoni ta' jekk il-fatt li l-impjegat jista', jekk ikun il-każ, jeżiġi kumpens mingħand l-Istat Daniż minħabba l-inkompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Daniża mad-dritt tal-Unjoni jistax jittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest ta' tali bbilanċjar.

20 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Højesteret (qorti suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel is-segwenti domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Il-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni minħabba l-età jipprekludi leġiżlazzjoni bħal-leġiżlazzjoni Daniża, li skontha l-impjegati ma jkollhomx id-dritt għal allowance ta' tkeċċija jekk ikunu jistgħu jibbenefikaw minn pensjoni tax-xjuħija dovuta mill-persuna li timpjegahom abbażi ta' skema ta' pensjoni li jkunu aderixxew magħha qabel l-età ta' 50 sena, indipendentement minn jekk ikunux għażlu li jibqgħu fis-suq tax-xogħol jew li jirtiraw?

2) Huwa kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni li qorti Daniża, adita b'rikors li permezz tiegħu impjegat jitlob lil persuna privata li timpjega tħallsu allowance ta' tkeċċija – obbligu li minnu l-liġi Daniża, kif deskritt fl-ewwel domanda, teżenta lill-persuna li timpjega, eżenzjoni li tmur kontra l-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni minħabba l-età –, tibbilanċja l-imsemmi prinċipju u l-effett direct tiegħu mal-prinċipju ta' ċertezza legali u mal-prinċipju korollarju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, u abbażi ta' dan tikkonkludi li l-prinċipju ta' ċertezza legali għandu jieħu preċedenza fuq il-prinċipju li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni minħabba l-età, b'mod li, skont id-dritt nazzjonali, il-persuna li timpjega hija eżenti mill-obbligu li tħallas l-allowance ta' tkeċċija? Qed jiġi mistoqsi wkoll jekk il-fatt li l-impjegat jista', jekk ikun il-każ, jeżiġi kumpens mill-Istat Daniż minħabba l-inkompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Daniża mad-dritt tal-Unjoni għandux jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk jistax jitwettaq tali bbilanċjar?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

21 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju, adita b'tilwima bejn individwi, tistaqsi, essenzjalment, jekk il-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni abbażi tal-età għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li twaqqaf impjegat mid-dritt li jibbenefika minn allowance ta' tkeċċija peress li dan tal-aħħar jista' jibbenefika minn pensjoni tax-xjuħija dovuta mill-persuna li timpjegah abbażi ta' skema ta' pensjoni li dan l-impjegat ikun aderixxa magħha qabel l-età ta' 50 sena, indipendentement minn jekk ikunx għażel li jibqa' fis-suq tax-xogħol jew li jirtira.

22 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu, qabelxejn, jitfakkar li l-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni abbażi tal-età, li d-Direttiva 2000/78 tikkonkretizza, isib is-sors tiegħu, kif jirriżulta mill-premessi 1u 4 tal-imsemmija direttiva, f'diversi strumenti internazzjonali u fit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, (ara s-sentenzi Mangold, C-144/04, EU:C:2005:709, punt 74, kif ukoll Kücükdeveci, C-555/07, EU:C:2010:21, punti 20 u 21). Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li l-imsemmi prinċipju, issa stabbilit fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jitqies li huwa prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni (ara s-sentenzi Mangold, C-144/04, EU:C:2005:709, punt 75, u Kücükdeveci, C-555/07, EU:C:2010:21, punt 21).

23 Sussegwentement, għandu jiġi speċifikat li, peress li d-Direttiva 2000/78 ma tistabbilixxix hija stess il-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni abbażi tal-età, iżda tikkonkretizza dan il-prinċipju biss fil-qasam tal-impjiegi u tax-xogħol, il-portata tal-protezzjoni mogħtija minn din id-direttiva ma taqbiżx dik mogħtija minn dan il-prinċipju. Il-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea ried, permezz tal-adozzjoni ta' din id-direttiva, jiddefinixxi qafas iktar speċifiku, intiż li jiffaċilita l-implementazzjoni konkreta tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u, b'mod partikolari jiddetermina diversi possibbiltajiet ta' deroga mill-imsemmi prinċipju billi jqiegħed lil dawn f'qafas permezz ta' definizzjoni iktar ċara tal-qasam ta' applikazzjoni tagħhom.

24 Finalment, wieħed għandu jżid jgħid li, sabiex il-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-età japplika f'sitwazzjoni bħal dik tal-kawża prinċipali, jeħtieġ ukoll li din is-sitwazzjoni taqa' fil-kamp tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjonijiet li d-Direttiva 2000/78 tippreskrivi.

25 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jitfakkar li, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, billi jeskludi b'mod ġenerali, mill-benefiċċju tal-kumpens speċjali għal tkeċċija, kategorija sħiħa ta' ħaddiema, l-Artikolu 2a(3) tal-Liġi dwar l-impjegati jaffettwa l-kundizzjonijiet ta' tkeċċija ta' dawn il-ħaddiema fis-sens tal-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/78 (sentenza Ingeniørforeningen i Danmark, C-499/08, EU:C:2010:600, punt 21). Minn dan isegwi li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u, konsegwentement, f'dak tal-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni abbażi tal-età.

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fid-dawl tal-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ġġudikat li l-Artikoli 2 u 6(1) tad-Direttiva 2000/78 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik imsemmija f'din it-talba għal deċiżjoni preliminari, li permezz tagħha l-ħaddiema eliġibbli għall-benefiċċju ta' pensjoni tax-xjuħija mħallsa mill-persuna li timpjegahom skont skema ta' pensjoni li fiha huma ssieħbu qabel ma kellhom l-età ta' 50 sena ma jistgħux, minħabba dan il-fatt biss, jibbenefikaw minn kumpens speċjali għal tkeċċija intiż sabiex jiffavorixxi r-reintegrazzjoni professjonali ta' ħaddiema li jkun ilhom jaħdmu għal iktar minn tnax-il sena fl-impriża (sentenza Ingeniørforeningen i Danmark, C-499/08, EU:C:2010:600, punt 49), dan japplika wkoll fir-rigward tal-prinċipju fundamentali ta' ugwaljanza fit-trattament, li tiegħu l-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni abbażi tal-età jikkostitwixxi biss espressjoni partikolari.

27 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni abbażi tal-età, kif ikkonkretizzat mid-Direttiva 2000/78 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi, anki f'tilwima bejn individwi, leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ċċaħħad impjegat mid-dritt li jibbenefika minn allowance ta' tkeċċija peress li dan tal-aħħar jista' jibbenefika minn pensjoni tax-xjuħija dovuta mill-persuna li timpjegah abbażi ta' skema ta' pensjoni li dan l-impjegat ikun aderixxa magħha qabel l-età ta' 50 sena, indipendentement minn jekk ikunx għażel li jibqa' fis-suq tax-xogħol jew li jirtira.

Fuq it-tieni domanda

28 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni għandux jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lil qorti nazzjonali adita b'tilwima bejn individwi, meta jkun stabbilit li dispożizzjoni nazzjonali rilevanti tkun kuntrarja għall-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni abbażi tal-età, li tibbilanċja l-imsemmi prinċipju mal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u li tikkonkludi li tat-tieni għandhom jingħataw prijorità fuq tal-ewwel. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll fuq il-kwistjoni ta' jekk, matul din id-deliberazzjoni, hija tistax jew għandhiex tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Istati Membri għandhom l-obbligu ta' kumpens għad-dannu kkawżat lill-individwi permezz tat-traspożizzjoni żbaljata ta' direttiva, bħad-Direttiva 2000/78.

29 F'dan ir-rigward, għandha titfakkar, fl-ewwel lok, il-ġurisprudenza stabbilita li tgħid li, meta l-qrati nazzjonali jkollhom jiddeċiedu kwistjoni bejn individwi li fiha jkun jidher li l-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata tkun kontra d-dritt tal-Unjoni, huma l-qrati nazzjonali li għandhom jiżguraw il-protezzjoni legali għall-partijiet f'kawża li tirriżulta mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni u jiggarantixxu l-effett sħiħ tagħhom (ara, f'dan is-sens is-sentenzi Pfeiffer *et*, C-397/01 sa C-403/01, EU:C:2004:584, punt 111, kif ukoll Kücükdeveci, C-555/07, EU:C:2010:21, punt 45).

30 Jekk huwa minnu li, fir-rigward ta' tilwima bejn individwi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod stabbilit li direttiva ma tistax, minnha stess, toħloq obbligi fil-konfront ta' individwu u ma tistax għalhekk tiġi invokata bħala tali kontra tiegħu (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Marshall, 152/84, EU:C:1986:84, punt 48; Faccini Dori, C-91/92, EU:C:1994:292, punt 20, kif ukoll Pfeiffer *et*, C-397/01 sa C-403/01, EU:C:2004:584, punt 108), xorta jibqa' l-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja wkoll b'mod repetut iddeċidiet li l-obbligu tal-Istati Membri, li jirriżulta minn direttiva, li jilħqu r-riżultat previst minn din kif ukoll id-dmir tagħhom li jadottaw il-miżuri ġenerali jew partikolari kollha sabiex jiżguraw l-eżekuzzjoni ta' dan l-obbligu jorbot lill-awtoritajiet kollha tal-Istati Membri, inklużi, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, l-awtoritajiet ġudizzjarji (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi von Colson u Kamann, 14/83, EU:C:1984:153, punt 26, kif ukoll Kücükdeveci, C-555/07, EU:C:2010:21, punt 47).

31 Minn dan isegwi li, meta japplikaw id-dritt nazzjonali, il-qrati nazzjonali li qed jintalbu jinterpretawh għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni r-regoli kollha ta' dan id-dritt u li japplikaw il-metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti minnu għall-interpretazzjoni tiegħu, sakemm ikun possibbli, fid-dawl tat-test u tal-għan tad-direttiva inkwistjoni sabiex jintlaħaq ir-riżultat stabbilit minnha u b'hekk konformement mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Pfeiffer *et*, C-397/01 sa C-403/01, EU:C:2004:584, punti 113 u 114, kif ukoll Kücükdeveci, C-555/07, EU:C:2010:21, punt 48).

32 Ċertament, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali għandu ċerti limiti. Għalhekk, l-obbligu għall-qorti nazzjonali li tirreferi għad-dritt tal-Unjoni meta tinterpreta u tapplika r-regoli rilevanti tad-dritt intern huwa limitat mill-prinċipji ġenerali tad-dritt u ma jistax iservi ta' bażi għal interpretazzjoni *contra legem* tad-dritt nazzjonali (ara s-sentenzi Impact, C-268/06, EU:C:2008:223, punt 100; Dominguez, C-282/10, EU:C:2012:33, punt 25, u Association de médiation sociale, C-176/12, EU:C:2014:2, punt 39).

33 F'dan il-kuntest, għandu jiġi speċifikat li r-rekwiżit ta' interpretazzjoni konformi jinkludi l-obbligu, għall-qrati nazzjonali, li jemendaw, jekk ikun il-każ, ġurisprudenza stabbilita jekk din tkun ibbażata fuq interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali inkompatibbli mal-għanijiet ta' direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Centrosteel, C-456/98, EU:C:2000:402, punt 17).

34 Għaldaqstant, il-qorti tar-rinviju ma tistax, fil-kawża prinċipali, validament tikkunsidra li hija tinsab fl-impossibbiltà li tinterpreta d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni, minħabba l-fatt biss li hija, b'mod stabbilit, interpretat din id-dispożizzjoni f'sens li ma huwiex kompatibbli ma' dan id-dritt.

35 Ladarba saru dawn il-preċiżazzjonijiet, għad hemm lok li wieħed iżid li, anki jekk wieħed jippreżumi li qorti nazzjonali, adita b'kawża li tikkompromett l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-età, hekk kif ikkonkretizzat mid-Direttiva 2000/78, tkun effettivament tinsab fl-impossibbiltà li twettaq interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali li tkun konformi ma' din id-direttiva, hija għandha madankollu l-obbligu li tiżgura, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħha, il-protezzjoni ġuridika tal-partijiet li tirriżulta mid-dritt tal-Unjoni u li tiggarantixxi l-effett sħiħ tiegħu billi ma tapplikax jekk meħtieġ id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jmorru kontra dan il-prinċipju (is-sentenza Kücükdeveci, C-555/07, EU:C:2010:21, punt 51).

36 Barra minn hekk, mill-punt 47 tas-sentenza Association de médiation sociale (C-176/12, EU:C:2014:2) jirriżulta li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni abbażi tal-età jagħti lill-individwi dritt suġġettiv li jista' jiġi invokat bħala tali li, anki fit-tilwim bejn individwi, jobbliga lill-qrati nazzjonali li jwarrbu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li ma jkunux konformi mal-imsemmi prinċipju.

37 Għaldaqstant, f'dan il-każ, huwa l-obbligu tal-qorti tar-rinviju, ladarba hija tikkunsidra li tkun tinsab fl-impossibbiltà li tiżgura interpretazzjoni konformi tad-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni, li tħalli ma tapplikax din id-dispożizzjoni.

38 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kwistjoni ta' liema obbligi jirriżultaw mill-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi għal qorti nazzjonali adita b'tilwima bejn individwi, għandu jiġi enfasizzat li qorti nazzjonali ma tistax tistrieħ fuq l-imsemmi prinċipju sabiex tkompli tapplika regola ta' dritt nazzjonali li tmur kontra l-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni abbażi tal-età, kif ikkonkretizzat mid-Direttiva 2000/78.

39 Fil-fatt, l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, kif prevista mill-qorti tar-rinviju, twassal, fir-realtà, sabiex tillimita l-effetti fiż-żmien tal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, peress li, b'dan il-mod, din l-interpretazzjoni ma tkunx tista' tiġi applikata fil-kawża prinċipali.

40 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lid-dritt tal-Unjoni, fl-eżerċizzju tal-kompetenza mogħtija lilha mill-Artikolu 267 TFUE, tikkjarifika u tispeċifika, jekk ikun neċessarju, it-tifsira u l-portata ta' din ir-regola, hekk kif għandha jew kif kellha tinftiehem u tiġi applikata mid-data li ddaħħlet fis-seħħ. Minn dan jirriżulta li, barra miċ-ċirkustanzi wisq eċċezzjonali, li tagħhom l-eżistenza madankollu ma ġietx allegata f'dan il-każ, id-dritt tal-Unjoni hekk interpretat għandu jiġi applikat mill-qorti anki għal relazzjonijiet ġuridiċi li jkunu qamu u ġew ikkostitwiti qabel is-sentenza li tiddeċiedi dwar it-talba għal interpretazzjoni, jekk, barra minn hekk, ikunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet li jippermettu t-tressiq quddiem il-qrati kompetenti ta' kawża dwar l-applikazzjoni ta' dan id-dritt (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Gmina Wrocław, C-276/14, EU:C:2015:635, punti 44 u 45 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

41 Barra minn hekk, il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma tistax, fi kwalunkwe każ, tiġi invokata biex individwu, li ressaq l-azzjoni li wasslet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tinterpreta d-dritt tal-Unjoni fis-sens li dan jipprekludi r-regola ta' dritt nazzjonali inkwistjoni, jiġi rrifjutat il-benefiċċju ta' din l-interpretazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Defrenne, 43/75, EU:C:1976:56, punt 75, kif ukoll Barber, C-262/88, EU:C:1990:209, punti 44 u 45).

42 Fir-rigward tal-mistoqsijiet tal-qorti tar-rinviju msemmija fil-punt 19 ta' din is-sentenza, għandu jiġi enfasizzat li l-possibbiltà għall-individwi li jibbenefikaw minn dritt suġġettiv li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni, bħal, f'dan il-każ, l-impjegat, li jitlob kumpens meta d-drittijiet tiegħu jkunu ġew mittiefsa minn ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lil Stat Membru (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Francovich *et*, C-6/90 u C-9/90, EU:C:1991:428, punt 33, kif ukoll Brasserie du pêcheur u Factortame, C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79, punt 20), ma tistax tqiegħed f'dubju l-obbligu, għall-qorti tar-rinviju, li tagħti prijorità lill-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali li hija konformi mad-Direttiva 2000/78 jew, jekk tali interpretazzjoni tkun impossibbli, li tħalli mhux applikata d-dispożizzjoni nazzjonali li tmur kontra l-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni abbażi tal-età kif ikkonkretizzat mill-imsemmija direttiva, u lanqas ma tista' twassal lil din il-qorti, fil-kuntest tat-tilwima li biha hija adita, li tagħti prijorità lill-protezzjoni tal-aspettattivi tal-individwu, f'dan il-każ il-persuna li timpjega, li kkonforma ruħu mad-dritt nazzjonali.

43 Fid-dawl ta' dan kollu premess, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li d-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li hija l-qorti tar-rinviju, adita b'kawża bejn individwi li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78, li, meta tkun qed tapplika dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tagħha, għandha tinterpretahom b'tali mod li jkunu jistgħu jiġu applikati b'mod konformi ma' din id-direttiva jew, jekk tali interpretazzjoni konformi tkun impossibbli, li tħalli, jekk meħtieġ, mhux applikata kull dispożizzjoni ta' dan id-dritt nazzjonali, li tmur kontra l-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni abbażi tal-età. La l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, u lanqas l-possibbiltà għall-individwu li jħossu ppreġudikat mill-applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni li jinvoka r-responsabbiltà tal-Istat Membru kkonċernat għall-ksur tad-dritt tal-Unjoni ma jistgħu jqiegħdu f'dubju dan l-obbligu.

Fuq l-ispejjeż

44 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi li:

1) **Il-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni abbażi tal-età, kif ikkonkretizzat mid-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi, anki f'tilwima bejn individwi, leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ċċaħħad impjegat mid-dritt li jibbenefika minn allowance ta' tkeċċija peress li dan tal-aħħar jista' jibbenefika minn pensjoni tax-xjuħija dovuta mill-persuna li timpjegah abbażi ta' skema ta' pensjoni li dan l-impjegat ikun aderixxa magħha qabel l-età ta' 50 sena, indipendentement minn jekk ikunx għażel li jibqa' fis-suq tax-xogħol jew li jirtira.**

2) **Id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li hija l-qorti tar-rinviju, adita b'kawża bejn individwi li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78, li, meta tkun qed tapplika dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tagħha, għandha tinterpretahom b'tali mod li jkunu jistgħu jiġu applikati b'mod konformi ma' din id-direttiva jew, jekk tali interpretazzjoni**

konformi tkun impossibbli, li tħalli, jekk meħtieġ, mhux applikata kull dispożizzjoni ta' dan id-dritt nazzjonali, li tmur kontra l-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni abbażi tal-età. La l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, u lanqas l-possibbiltà għall-individwu li jħossu ppreġudikat mill-applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni li jinvoka r-responsabbiltà tal-Istat Membru kkonċernat għall-ksur tad-dritt tal-Unjoni ma jistgħu jqiegħdu f'dubju dan l-obbligu.

Firem